ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 21/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 12 ta' Ottubru, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-11:00hrs.

## Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

## Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 20

21.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 20 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill Seduta 20, il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2020 rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk kienux ħasbu f'xi proġett li jista' jikkwalifika minn dan il-finanzjament.

21.3.1.1 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu kien ħadem fuq l-applikazzjoni biex napplikaw għal-lift biex jiġi installat fl-*observation area* fi Triq l-Industrija biex persuni b'diżabilità ikunu jistgħu jitilgħu fuq il-planka biex jieħdu r-ritratti. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

21.3.1.2 Is-Sindku Terence Agius u l-Kunsillier Cody Galea ser ikomplu jaħdmu fuq ir-rekwiżiti ta' din l-applikazzjoni biex tkun tista' tidħol sad-data tal-għeluq li hija t-30 ta' Ottubru, 2020.

21.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/4/2020 rigward Informazzjoni dwar l-Integrazzjoni u Rijabilitazzjoni ta' Tfal li rritornaw mill-Istat Iżlamiku.

21.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2020 rigward Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.

21.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2020 rigward Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex.

21.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u ħasbu dwar postijiet li jistgħu jidħlu għal dan il-finanzjament. Il-Kunsill irid jara kemm jiflaħ joħroġ bħala l-15% biex ikun jista' jaħseb fuq proġett. Apparti hekk il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tistaqsi kemm fih dan il-fond.

21.3.4.2 Fil-frattemp, is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jaħsbu ftit dwar xi proġetti jistgħu jsiru li jidħlu taħt din l-applikazzjoni. Din l-applikazzjoni tagħlaq fl-4 ta' Diċembru, 2020.

21.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward assistenza mill-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-iskejjel primarji fil-lokalità.

21.3.5.1 F'din il-korrispondenza il-Kunsill intalab jagħti l-għajnuna biex jitpoġġew *barriers* biex tingħalaq it-triq tal-iskola fil-ħin tad-dħul u l-ħruġ tal-istudenti.

21.3.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jinforma lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li l-Kunsill ma għandux ir-riżorsi biex jitpoġġew dawn il-*bollards* u għaldaqstant ma jħossx li għandu jidħol għal din ir-responsabilità.

21.3.5.3 Apparti hekk il-Kunsill intalab ukoll l-għajnuna biex isiru marki fuq il-bankina biex wieħed iżomm id-distanza.

21.3.5.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li jsiru l-marki bl-*istencils,* u dan jibdew mir-rampa u jibqgħu neżlin għal fuq il-bankina.

21.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien talab biex jingħata *Credit Note* għaż-żewġ *projectors* li kienu nxtraw biex jintużaw fil-komunità peress li l-Kappillan kien infurmana li dawn kellhom ikunu *short throw* u mhux *long throw*. Issa l-Kunsill kien qed jistenna stima ġdida biex jinbidlu dawn il-*projectors*.

21.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jkun ċar li l-kuntratt ser jibqa' kif inhu u jekk minn naħa tal-parroċċa mhux lesti li jiffirmawh, il-Kunsill ma jkux jista' jixtri dawn il-*projectors*.

21.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand għalliem tal-PE rigward proġett li ser isir fl-iskejjel bit-tema 'Celebrating our Locality's Sportspersons'.

21.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u għaddew ħames ismijiet ta' sportivi lokali lis-Segretarju Eżekuttiv biex ikunu jistgħu jintbgħatu għal dan il-proġett.

21.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva skema ġdida mir-Reġjun Nofsinhar, liema skema hija marbuta ma' għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalità.

21.3.8.1 Minn din l-iskema il-Kunsill jista' jibbenifika €1000 jekk iżomm mal-kriterji mitluba. Il-proposti għal dan il-finanzjament jintlaqa' sal-aħħar ta' Novembru, 2020.

21.3.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li tintbgħat *email* lill-każini tal-baned biex naraw jekk hux lesti li jarmaw id-dawl fit-toroq biex jinxtgħel matul ix-xahar ta' Diċembru biex joħloq atmosfera għall-festi tal-Milied.

21.3.8.3 Il–Kunsilliera qablu li l-Għaqda Mużikali San Leonardu jintalbu jarmaw minn Triq San Benedittu (ħdejn l-Għassa tal-Pulizija) u jinkludu Misraħ Ħal Kirkop, filwaqt li s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp jintalbu jarmaw minn Triq il-Parroċċa u jinkludu Misraħ San Leonardu.

21.3.8.4 Kien hemm qbil li għal dan l-armar iż-żewġ każini jingħataw €500 kull wieħed, jiġifieri l-allokazzjoni mogħtija mir-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-ispejjeż tal-meters u l-konsum tad-dawl jitħallas mill-Kunsill.

21.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien għamel talba lill-Cleansing Department biex il-bozoz li fadal fi Pjazza Żerniq jitneħħew peress li reġgħet waqgħet waħda oħra. Dan sakemm jaslu l-bozoz ġodda li hemm ordnati.

21.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali rigward il-laqgħat tal-Kunsill u li dawn għandhom isiru fl-Uffiċċju tal-Kunsill u ma jistgħux isiru *online*.

21.3.10.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hu kiteb fuq din l-*email* għax iħoss li huwa nġust li f'sitwazzjon bħal din Kunsilliera li huma vulnerabbli qed ikollhom jieħdu riskji kbar biex jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill.

21.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward Proġett Mużikali għas-sena 2021mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar bit-tema 'Kwarta Tajba'.

21.3.11.1 Is-Sindku ta spejga dwar dan il-proġett u l-Kunsilliera ddiskutew postijiet fejn jista' jiġi ospitat dan il-Proġett Mużikali.

21.3.11.2 Il-postijiet proposti huma Triq San Benedittu (quddiem il-Kunsill Lokali); Misraħ Ħal Kirkop; Misraħ San Leonardu; Misraħ Żerniq; Triq Ġnien Rousset u Triq il-Kbira (k/m Triq San Nikola).

21.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva talba mil-LEAP! biex issir laqgħa biex jiġu diskussi diversi *issues* dwar il-kommunità.

21.3.12.1 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lir-rappreżentant tal-LEAP! biex issir laqgħa nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ottubru, 2020 fit-15:00hrs.

21.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għamel ordni għall-uniformijiet tal-ħaddiema tal-Kunsill kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti.

21.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wieħed mill-ħaddiema tal-RSSL kien wasal biex jirtira mix-xogħol. Hu qal li dan kellu sa Awwissu 2021 u l-Kunsill seta' jagħmel talba biex dan iġedded għal sena oħra.

21.3.15 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitolbu lill-RSSL biex il-ħaddiem iġedded għal sena oħra.

## 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

21.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ssuġġerixxa li ssir CCTV f'Misraħ San Leonardu.

21.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ser jaraw kif se jimxu fuq l-istima tal-camera ta' Triq ir-Ramlija u wara jimxu minn hemm biex jekk l-ispiża ma tkunx kbira li taqbeż il-fond li ser jingħata mir-Reġjun Nofsinhar, din il-camera tidħol taħt l-istess skema.

21.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar it-tarmak li ingħata fi Triq San Benedittu u li ser ikompli fi Triq il-Kbira. Il-Viċi Sindku staqsa għaliex Misraħ Ħal Kirkop u Triq il-Parroċċa mhumiex inklużi fuq il-lista ta' Infrastracture Malta.

21.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn mhux inklużi fil-lista. Is-Sindku qal li hu se jara li toroq li ma hemmx għalfejn jinqalgħu bħal ma sar fi Triq San Benedittu, il-parti ta' quddiem il-Kunsill, ma jinqalgħux u jsir fejn hemm il-ħtieġa li jsir.

21.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar *email* li ntbgħatet minn resident rigward mistoqsija fuq l-għoti tal-wiċċ tat-triq u bankini fil-qalba tar-raħal.

21.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u kien hemm qbil li tintbgħat risposta fejn ir-resident jiġi infurmat li l-Kunsill għamel pressjoni kbira fir-rigward iżda sfortunatament din ma ġietx milqugħa.

21.4.4 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-14:00hrs.

21.4.5 Fl-istess waqt, is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa biex issir waqfa għall-ikel. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-14:00hrs.

21.4.6 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera biex jidħlu għat-tkomplija tal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-14:30hrs.

21.4.7 Il-Kunsillier Ritienne Caruana staqsiet dwar Triq San Nikola għax meta tagħmel ix-xita qed joqgħod ħafna ilma.

21.4.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u ġie deċiż li jintalab il-parir tal-Perit dwar jekk tistax issir xi ħaġa biex titnaqqas din il-problema.

21.4.8 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar jekk kienx hemm *feedback* minn naħa tal-Perit rigward il-blokka tal-arblu tal-bejt tal-Kunsill.

21.4.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit kienet ġiet fuq il-post biex tara iżda sakemm dħalna għal-laqgħa l-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn.

21.4.9 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar rampa quddiem il-Kunsill biex persuni b'diżabilità jkollhom aċċess b'siġġu tar-roti.

21.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din għandha ssir tal-injam u tinħadem mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

21.4.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar xogħol ta' puġġaman li sar fi Blokka tal-Housing u f'livell minnhom dan il-puġġaman ma sarx.

21.4.10.1 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jiċċekkja mad-Dipartiment konċernat biex jara eżatt x'sar u x'kellu jsir.

21.4.11 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar *road markings* ħdejn rampa fi Triq Danny Cremona, għax jidher li hemm parkeġġ u r-rampa qed tiġi ostakolata.

21.4.11.1 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jiċċekkja ir-road markings li saru fl-istess inħawi biex din ukoll issir konformi magħhom.

21.4.12 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kellu proposta biex Triq id-Duluri u Triq Ta' Markijiet isiru *one way*.

21.4.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li 'l quddiem isir pjan ħolistiku dwar id-dħul u l-ħruġ kollu ta' dawn it-toroq.

21.4.13 Il-Kunsillier Cody Galea qal li jinsab iddiżapuntat bis-servizz tal-Koptasin għall-fatt li għalkemm isiru diversi *reminders* ix-xogħol xorta jibqa' ma jsirx.

21.4.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu mal-Kunsillier Galea. Huma qalu li kien hemm ħafna xogħol pendenti u li ma jistax ikun li dan idum daqshekk biex jitlesta.

21.4.13.2 Kien hemm qbil li tinħareġ twissija bil-miktub li jekk ix-xogħol kollu ordnat ma jitlestix sal-Ġimgħa 23 ta' Ottubru, 2020, il-Kunsill ma jkollux triq oħra għajr li jibda l-proċeduri biex itemm il-kuntratt.

## 21.5 Rapport tal-Ilmenti

21.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment mingħand resident rigward *Cat Cafè* fil-lokalità.

21.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u ġie deċiż li ninfurmawh li l-Kunsill ma għandux *area* li tista' tintuża għal *Cat Cafè* fil-lokalità.

21.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva ilment rigward ilma tax-xita li joqgħod fi Triq Tal-Fieres minħabba dislivell li hemm fit-triq.

21.5.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u ġie deċiż li ninfurmawh li biex din il-problema tissolva jrid jinqala' l-wiċċ tat-triq kollu. Dan wara li ħadna parir mingħand il-Perit tal-Kunsill meta kellna lmenti simili f'din it-triq. Ninfurmawh ukoll li sa issa l-imsemmija triq għada mhux fuq il-lista ta' toroq li ser isiru minn Infrasracture Malta fiż-żmien li ġej.

21.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 21.6 Miżura 4.4 – Bini ta' Hitan tas-Sejjieħ

21.6.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-sidien tal-għelieqi ma kienux taw il-permess tagħhom biex isir il-proġett ta' bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq San Ġwann k/m Triq Dun Ġużepp Barbara.

21.6.2 Is-Sindku kompla jgħid li kif kienu ddiskutew permezz tal-*emails*, il-Kunsill kien talab il-parir tal-Avukat dwar dan biex il-Kunsill ma jitlifx dawn il-fondi li ġew approvati.

21.6.3 Is-Sindku qal li l-Avukat kien ser jibgħat ittra f'dan is-sens lill-propjetarji tal-għelieqi.

## 21.7 Rampa u Taraġ tal-Entratura tal-Librerija tal-Iskola

21.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tar-rampa u t-taraġ tal-librerija, il-Kunsill kien talab stimi għall-irħam / madum u għall-puġġaman tat-taraġ.

21.7.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn l-istimi u qablu li jintalbu aktar stimi biex il-Kunsill isib prezz vantaġġjuż. Dawn għandhom jiġu ppreżentati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex tittieħed deċiżjoni finali u u tkun tista' ssir l-ordni.

21.7.3 Apparti hekk, il-Kunsill kien ġab ukoll stima għal tlett bankijiet biex jeħlu quddiem l-iskola.

21.7.4 Il-Kunsilliera qablu li l-bankijiet jinxtraw peress li kienu bi prezz tajjeb ħafna.

## 21.8 Tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani – Triq l-Industrija

21.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien iltaqa' mar-rappreżentanti tal-Ministeru tat-Turiżmu u kif ukoll mar-rappreżentanti tal-Malta Aviation Society, fejn ġew diskussi l-idejat li hemm biex isir tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani fi Triq l-Industrija.

21.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li wara din il-laqgħa saret laqgħa oħra ma' rappreżentanti tal-AVSEC biex il-Kunsill jimxi mal-porċeduri kollha dwar is-sigurtà tal-ajruport ta' Malta.

21.8.3 Minn din il-laqgħa ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa mal-Perit biex jiġu diskussi xi emendi għall-pjanti maħruġa biex il-Kunsill ikun jista' jgħaddihom għall-approvazzjoni tal-Ministeru biex imbgħad ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq permessi biex isir dan it-tisbieħ.

21.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tistenna konferma għal-laqgħa mal-Perit nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, 2020.

## 21.9 Skema dwar CCTV mir-Reġjun Nofsinhar

21.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hu kien tkellem ma' persuna li taħdem fuq CCTVs u dan kien ra s-sistemi eżistenti li għandu l-Kunsill.

21.9.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li jipproponu Triq ir-Ramlija u Misraħ San Leonardu biex ikunu sorveljati bis-CCTVs. Ser jinġabru stimi biex tkun tista' ssir il-proposta lir-Reġjun Nofsinhar.

## 21.10 Toqob tan-Nar tal-Art

21.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien talab għal stima oħra li tinkludi x-xogħol kollu marbut ma' dawn il-ħofor inkluż il-permessi meħtieġa mill-entitajiet kollha biex ikun jista' jsir dan it-tħaffir.

21.10.2 Hu qal li għalkemm talab kumpanijia oħra dwar dawn it-toqob, hu kien ġie infurmat li ma jagħmlux toqob akbar minn 500mm.

21.10.3 Il-Kunsilliera ddiskutew l-istimi, li huma kemmxejn għoljin, u qablu li jitkellmu mal-għaqdiet biex jaraw jekk hux lesti li jgħinu fix-xogħol għax il-Kunsill ma jistax jagħmel spiża daqshekk kbira.

21.10.4 Il-Kunsilliera qablu li jekk l-għaqdiet lesti li jgħinu biex isir ix-xogħol, il-Kunsill ikun jista' jħallas tal-materjal u l-apparat biex jitħaffru dawn it-toqob.

21.10.5 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius u l-Kunsillier Cody Galea ser ikunu qed jitkellmu mal-għaqdiet biex jaraw x'inhu l-pass 'il quddiem.

## 21.11 Xogħol ta' Toroq minn Infrastracture Malta

21.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li bħal ma kien ikkomunika permezz tal-*email* kienet inqalet problema rigward il-qlib tal-ilma fi Triq San Benedittu.

21.11.2 Hu qal li għalkemm talab lill-Infrastracture Malta biex il-wiċċ tat-triq isir bil-lava jew materjal ieħor biex il-qlib ikun jista' jsir għal nofs it-triq, din it-talba ma ġietx milqugħa.

21.11.3 Is-Sindku Terence Agius qal li kien informa lir-residenti b'dan kollu.

## 21.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

21.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 107 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

21.12.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 107 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 21.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

21.13.2 Minħabba li kien hemm problema biex tinstab data tajba għal kulħadd fil-ħin tas-soltu, il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa ta' Novembru ssir filgħodu.

21.13.3 Għaldaqstant, il-Kunsilliera Ritienne Caruana ressqet mozzjoni biex il-laqgħa ta' Novembru ssir fid-9.00 ta' filgħodu, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

21.13.4 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2020 fid-09:00hrs.

21.13.5 Il-laqgħa ntemmet fil-16:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 9 ta' Novembru, 2020

**Mozzjoni Ref:** 109/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 20.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Ottubru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 110/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Ottubru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 111/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 107.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Ottubru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 112/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-laqgħa ta' Novembru ssir fid-9.00 ta' filgħodu.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Ritienne Caruana | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Ottubru, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**